MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 114/2007

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Edmond Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Edmond Grima, imwieled Pieta fis-27 ta' Ottubru 1985, iben Joseph u Josephine nee Camilleri, residenti "La Hacienda", Triq il-Fekruna B'Bugia, detentur tal-karta ta' l-Identita 543685 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Settembru 2004 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

a) ittraffika, biegh, qasam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) mighajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini,

b) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) u l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011 – meta l-ewwel seduta inzammet fl-4 a' Frar 2008 u wara li kienu diga inzammu zewg seduti fejn telghu jixhdu diversi xhieda tal-prosekuzzjoni - l-imputat irregistra ammissjoni ta' imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu

bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat il-provi u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta’ drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex ikun jista’ jiffinanzja il-vizzju tieghu. Il-hati inqabad b’ammont sinifikanti ta’ pilloli ecstacy (65), u mill-istqarrija tieghu jirrizulta li huwa kien xtara total ta’ 150 pillola, li minnhom biegh 85, u kien bi hsiebu jbiegh il-kumplament biex jiffinanzja l-vizzju tieghu – li huwa numru konsiderevoli. Kif sewwa osservat il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Carmel Shone Aguis** deciza fl-20 ta’ Jannar 1997 (Appell Nru; 198/96), *“min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u mhux jaccetta li jittraffika d-droga sabiex jakkwista minnha minghajr flus. Il-vizzju ta’ dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra, biex jissodisfa l-htigijiet tieghu. Huwa vera li <u>fil-mori ta’ dan l-appell</u> (u ta’ tlett appelli ohra li ghandu l-appellant hu dahal fi programm tal-Caritas, izda dan l-fatt ma jezimix lill-appellant mill-piena, aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Art.22(9) Kap.101.”* Disposizzjoni identika tinstab fl-Artikolu 120(7) tal-Kapitolu 31.

Il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-ammissjoni tal-hati bhala wahda partikolarment bikrija, stante li l-kawza inbdiet fl-4 ta’ Frar 2008, u l-ammissjoni saret wara zewg seduti li fihom instemghu parti sostanzjali tax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Jidher li l-appellant ittratjena milli jammetti biex jipprova jiggwadanja xi vantagg tattiku billi jkun lahaq

kwazi spicca kors ta' riabilitazzjoni u jkun se jerga' jkompli fl-impjieg tieghu. Kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud**, deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, *"Din il-Qorti ghamlitha cara f'diversi gudikati taghha li meta jkun ovvju li l-imputat ikun ghamel hekk, huwa ma jistax jippretendi li l-qorti tikkoncedilu d-"discount" kollu li altriment kienet tikkoncedilu, proprju ghax ikun xorta wahda hela z-zmien tal-qorti. Jaghmel zball min jahseb li jista' jisforza idejn il-qorti billi jammetti wara li jkun temm xi kors ta' riabilitazzjoni jew kiseb impjieg (bhalma huwa l-kaz ta' l-appellant odjern), specjalment f'kazijiet ta' traffikar ta' droga fejn il-piena ta' prigunerija hija obbligatorja."*

Ghalkemm ghall-fini tal-piena, it-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh ta' droga, fl-opinjoni tal-Qorti, oggettivament l-imputat haqqu piena karcerarja effettiva ta' erba' snin – apparti l-piena tal-multa. Pero il-Qorti tqis li ghandu jkun hemm temperament f'din il-piena ghas-segwenti ragunijiet.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fatt li l-hati ikkopera mal-pulizija - ghalkemm hawn irid jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li huwa inqabad *red-handed* - u li l-unika reat li jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu huwa dak ta' pussess semplici ta' droga.

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' l-ufficjal prosekutur fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011, li l-hati ghandu jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur ta' l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u l-Qorti tifhem ukoll li allura kellu jibbenifika minn tnaqqis fil-piena taht l-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31, ghax ikkoopera mal-pulizija u mill-informazzjoni li ta nqabdet il-persuna li kienet ipprokuratlu d-droga, u l-Qorti se tghatih il-massimu tal-beneficcju u cioe tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena karcerarja.

Huwa vera li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba u prezentement qieghed jaghmel programm residenzjali fi

hdan l-Agenzija Sedqa u jidher li sejjer tajjeb.[1] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Ghall-istess raguni, ghar-rigward tal-piena,

[1] Ara xhieda ta' Brian Camilleri a fol. 42 tal-process.

din il-Qorti sejra in konsiderazzjoni it-tminn xhur li huwa ghamel s'issa fil-programm residenzjali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i), 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolamenti 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985; l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 17(b) u 17(h) tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur, kif ukoll il-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta' Malta

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega, u jekk hu possibbli ikompli l-programm ta' riabilitazzjoni li diga beda, minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------